MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar

**Laqgħa Numru 05 – 4 Leġiżlatura**

**Il-Ħamis 07 ta' April 2022**

Il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv fi 28 Ċentru Parrokkjali, Triq il-Vitorja, Ħal Qormi, fil-5.00 pm.

PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| President | Is-Sur Jesmond Aquilina |
| Deputat President/Sindku Gudja | Dr Marija Sara Vella |
| Sindku Ħal Għaxaq | Is-Sur Darren Abela |
| Sindku Ħal Qormi | Is-Sur Josef Masini Vento |
| Kunsilliera Ħal Luqa | Is-Sa Maria Magri |
| Viċi Sindku Santa Luċija | Is-Sur Frederick Cutajar |
| Sindku Marsaskala | Is-Sur Mario Calleja |
| Kunsillier Birżebbuġa | Is-Sur Sandro Alexander Caruana |

| | |
|---|---|
| Sindku Marsaxlokk | Is-Sur Steven Grech |
| Kunsilliera Ħamrun | Is-Sa Carmen Borg |

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

| | |
|---|---|
| Sindku Marsa | Is-Sur Josef Azzopardi |
| Sindku Santa Venera | Is-Sur Stephen Sultana |
| Sindku Żejtun | Is-Sa Doris Abela |

ASSENTI

Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Philip Carabott | Segretarju Eżekuttiv |

# Minuti

Il-President is-Sur Jesmond Aquilina ippresjeda l-laqgħa.

## 05.1 Qari tal-Ittri ta’ Apoloġiji;

05.1.1 Il-President informa li rċieva ittri ta’ apoloġija mis-Sindki tal-Marsa, ta’ Santa Venera u taż-Żejtun fejn taw ir-raġuni għaliex ma setgħux jattendu.

05.1.2 Il-Membri preżenti aċċettaw l-ittri ta’ apoloġija b’mod unanimu.

## 05.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

05.2.1 Il-President ressaq il-Minuti tar-raba’ (04) laqgħa tal-Kunsill Reġjonali għal din il-leġiżlatura, li ġew iċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant, ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

05.2.2 Wara mozzjoni mressqa mis-Sur Frederick Cutajar u ssekondata mis-Sur Josef Masini Vento, il-Membri Kunsill Reġjonali approvaw b’mod unanimu l-Minuti msemmija.

## 05.3 Komunikazzjoni mill-President;

**-Ingaġġ ta' Uffiċjal Eżekuttiv (Skala 13)**

05.3.1 Il-President ħabbar li l-proċess tal-ingaġġ tal-Uffiċjal Eżekuttiv (skala 13) issa ġie fi tmiemu u din se tkun qed tingħaqad mat-tim amministrattiv tal-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar fit-28 ta' April 2022.

**- Trasferiment tal-bini amministrattiv b'mod temporanju**

05.3.2 Il-President semma' kif bħalissa jinsab għaddej il-proċess għat-trasferiment temporanju tal-Uffiċċju Amministrattiv u t-Tribunal Lokali għall-indirizz il-ġdid. Dan qed ikun imqassam f'fażijiet żgħar u l-proċess se jkun komplut fi ftit tal-jiem oħra.

**- Attività tal-Ġimgħa l-Kbira mill-Kunsill Reġjonali**

05.3.3 Il-President qal li kollox jinsab lest għas-seminar li se jiġi organizzat mill-Kunsill Reġjonali dwar it-tradizzjonijiet marbuta mal-Ġimgħa Mqaddsa f'pajjiżna u fir-Reġjun tan-Nofsinhar. Hu żied jgħid li minbarra d-diskussjonijiet se jkun hemm wirja ta' xi kostumi li jintlibsu fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira fiż-Żejtun u se ssir żjara fil-Knisja Arċipretali Santa Katarina Verġni u Martri fiż-Żejtun fejn se jkun hemm il-vari tal-Ġimgħa l-Kbira għall-wiri. Din se tkun esperjenza sabiħa għal dawk kollha li se jattendu.

**- Attivitajiet tal-Ġimgħa l-Kbira mill-Kunsilli Lokali**

05.3.4 Il-President semma' kif l-attivitajiet marbuta mal-Ġimgħa l-Kbira mtella' mill-Kunsilli Lokali bil-għajnuna tal-Kunsill Reġjonali jinsabu għaddejjin u qed ikunu ta' livell għoli. Hu jinsab kuntent li l-Kunsill Reġjonali qed jikkontribwixxi biex jagħti aktar spinta lill-aspett kulturali fir-reġjun.

**- Proġett tal-Bini Amministrattiv**

05.3.5 Il-President irrefera għall-proġett ta' manutenzjoni u estensjoni fil-Bini Amministrattiv u qal li bħalissa qed tiġi mnaddfa l-parti fuq wara fejn se jkunu qed isiru x-xogħlijiet marbuta mat-Tribunal Lokali. Qed jiġu żarmati wkoll is-suffetti u l-partitions eżistenti fil-parti tal-uffiċini fejn se jsiru x-xogħlijiet meħtieġa relatati mal-manutenzjoni fuq is-soqfa u l-estensjoni tal-uffiċini. Intgħażel inġinier sabiex jieħu ħsieb il-parti teknika tal-proġett u qed

jikkoordina mal-perit u mal-Kunsill Reġjonali dwar il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu mitluba mill-kuntrattur u inklużi fis-sejħa. Fil-jiem li ġejjin se jkunu qed isiru xi testijiet fuq il-bini biex jiġu ċċekkjati l-pedamenti tal-post u tiġi żgurata s-saħħa u s-sigurtà ta' kulħadd.

**- Proposta lill-Kunsilli Lokali għal żjarat kulturali fir-reġjun**

05.3.6 Il-President ressaq proposta lill-Kunsilli Lokali biex huma jorganizzaw żjarat kulturali fil-jiem tal-Ġimgħa Mqaddsa għar-residenti għal wirjiet, knejjes u attivitajiet marbuta mal-Ġimgħa l-Kbira fir-Reġjun tan-Nofsinhar. Din intbagħtet minn qabel lill-Membri u għaldaqstant ġiet kunsidrata bħala moqrija. Dawk il-Kunsilli Lokali interessati għandhom jibagħtu l-proposti tagħhom matul dik il-ġimgħa u l-Kunsill Reġjonali jirrimborsa l-ħlas tat-trasport.

05.3.7 Il-Membri preżenti approvaw il-proposta tal-President b'mod unanimu.

## 05.4 Skeda ta' Pagamenti;

05.4.1 Il-President ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bin-numru ta' referenza 04/22A-1 u 04/22B-1 li ġew iċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

05.4.2 Wara mozzjoni mressqa mis-Sa Maria Magri u ssekondata mis-Sur Darren Abela, il-Kunsill Reġjonali approva unanimament il-ħlasijiet indikati fl-iskeda ta' pagamenti msemmija.

## 05.5 Proposta għal Proġett dwar l-Immaniġġjar tal-Iskart;

05.5.1 Il-President ressaq proposta għal proġett dwar l-Immaniġġjar tal-iskart fil-lokalitajiet tar-reġjun li ntbagħtet minn qabel lill-Membri u għaldaqstant ġiet kunsidrata bħala moqrija. Il-President semma' kif fuq dan il-proġett se jkunu qed jaħdmu l-uffiċjal maniġerjali tal-Kunsill Reġjonali responsabbli mill-fondi u skemi finanjarji, dak responsabbli mill-ambjent, kif ukoll dak responsabbli mill-immaniġġjar tal-iskart. Għaldaqstant hu sejjaħ lil dawn l-uffiċjali maniġerjali fil-kamra biex jagħmlu preżentazzjoni fuq dan il-proġett.

05.5.2 Il-Membri preżenti ddiskutew il-proposta msemmija u ġiet approvata. Huma qablu wkoll li jressquha fil-laqgħa tal-Kunsill Lokali fil-lokalità tagħhom ħalli jitolbu approvazzjoni mill-Kunsilliera. Il-Kunsill Reġjonali mbagħad jinkludi lil dawk il-Kunsilli Lokali li jibagħtu l-approvazzjoni tagħhom għas-sħubija fil-proġett.

05.5.3 Il-President qal li se tkun qed tintbagħat korrispondenza lill-Kunsilli Lokali kollha fir-Reġjun biex dawk interessati li jingħaqdu f'dan il-proġett jibagħtu t-talba tagħhom sal-aħħar ta' dan ix-xahar.

## 05.6 Rapport tal-Evalwazzjoni ta' Impatti Soċjali;

05.6.1 Il-President irrefera għar-rapport tal-evalwazzjoni ta' impatti soċjali fir-reġjun li l-Kunsill Reġjonali hu obbligat li jwettaq matul l-ewwel sena ta' kull leġiżlatura. Hu semma' kif, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, kellu laqgħa mad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali u l-Kunsilli Reġjonali l-oħra fejn ġiet diskussa din it-tema. Il-Kunsilli Reġjonali semmew li jekk tinħareġ sejħa pubblika waħda mill-Kunsilli Reġjonali kollha flimkien, minflok kull wieħed jaħdem għal rasu, jista' jkun hemm aktar uniformità fil-kundizzjonijiet u r-riżultati miksuba, ikun hemm aktar garanzija li jinstab kuntrattur biex jipprovdi s-servizz lil kull reġjun fl-istess żmien, u jkun hemm possibilità li jiġu ffrankati l-flus. Id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali talbet li kull Kunsill Reġjonali jressaq dan is-suġġett fil-laqgħa tiegħu u jġib l-approvazzjoni tal-Membri qabel nipproċedu fuq din is-sejħa.

05.6.2 Il-Membri qablu li l-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar jissieħeb mal-Kunsilli Reġjonali l-oħra u jikkoordina magħhom biex tinħareġ sejħa pubblika waħda għall-Kunsilli Reġjonali kollha flimkien. Huma qablu wkoll li jikkoordinaw b'mod sħiħ mal-Kunsilli Reġjonali fuq l-aspetti u l-fatturi li għandhom jiġu kkunsidrati fir-riċerka, kif ukoll il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu mitluba fis-sejħa.

## 05.7 Affarijiet Oħra;

**- Progress reports tal-uffiċjali maniġerjali**

05.7.1 Il-President ressaq il-progress reports tal-uffiċjali maniġerjali tal-Kunsill Reġjonali għall-ewwel tliet xhur ta' din is-sena li ntbagħtu minn qabel lill-Membri u għaldaqstant ġew kunsidrati bħala moqrija. Hu qal li dawn issa qed jingranaw sew fil-qadi tal-funzjonijiet tagħhom u dan qed jidher sew meta wieħed jagħti ħarsa lejn il-proġetti li qed jaħdem fuqhom il-Kunsill Reġjonali. Il-President ħeġġeġ lill-Kunsilli Lokali biex jagħmlu użu mill-uffiċjali maniġerjali għax dawn jistgħu jgħinuhom sabiex iwettqu aktar proġetti ta' livell għoli u inizjattivi siewja fil-lokalità tagħhom għall-ġid tar-residenti. Hu talab lill-Membri preżenti japprovaw ir-rapporti qabel dawn jintbagħtu lid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali.

05.7.2 Il-Membri preżenti approvaw il-progress reports b'mod unanimu.

**- Għajnuna lill-uffiċjal għall-ħarsien tal-annimali u l-cat feeders tar-reġjun**

05.7.3 Il-President ressaq talba mibgħuta mill-uffiċjal tal-komunità għall-ħarsien tal-annimali li hu impjegat mal-Kunsill Reġjonali u minn xi cat feeders fil-lokalitajiet tar-reġjun fejn talbu li l-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar ikollu għad-dispożizzjoni tiegħu numru ta' cat recovery cages li jkunu jistgħu jiġu mislufa għal ftit jiem mill-cat feeders wara li joperaw jew jittrattaw il-qtates stray. Dawn ikunu jistgħu jirritornawhom wara li l-qtates ikunu f'kundizzjoni li jistgħu jerġgħu jiġu meħlusa. B'din l-inizjattiva, l-Kunsill Reġjonali jkun qed jgħin biex jittaffew ftit l-ispejjeż li jġorru fuqhom il-cat feeders waqt in-neutering u t-trattamenti tal-qtates. L-uffiċjal għall-ħarsien tal-annimali jkun qed jissorvelja s-self u r-ritorn lura ta' dawn il-gaġeġ filwaqt li jkun hemm ħlas ta' depożitu għal dawk li jisilfuhom.

05.7.4 Il-Membri preżenti approvaw b'mod unanimu din l-inizjattiva.

## 05.8 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li Jmiss;

05.8.1 Il-laqgħa ntemmet fis-18.10 u ġiet aġġornata għall-Ħamis 05 ta' Mejju 2022 fil-5.30 pm.

Konfermati llum ______________________.

| | |
|---|---|
| Jesmond Aquilina | Philip Carabott |
| President | Segretarju Eżekuttiv |